PUBBLIKAZZJONI TA' **TRANSPORT MALTA**

# L-AVVENTURI T'EMILJA u n-Nanna Lina

KITBA TA' **DANIEL CAMILLERI**



***Lil kull tifel u tifla li,***

bħall-Emilja, għandhom kurżità kbira u rieda b'saħħitha biex jieħdu ħsieb id-dinja tagħna.

Dan il-ktieb huwa għalikom.

Grat lejn il-familja tiegħi għall-appoġġ kontinwu. Ħajr sinċier lil dawk kollha li emmnu f'din l-idea u għenu biex titwassal storja li tħeġġeġ lil ġenerazzjoni ġdida tagħżel modi aktar għaqlin u sostenibbli kif nimxu u ngħixu. Mingħajrom, Emilja u n-Nanna Lina ma kinux jieħdu l-ħajja.

"Kull vjaġġ jibda b'pass żgħir... iżda kull għażla li nagħmlu, tista' tagħmel differenza kbira."

**Daniel Camilleri.**

# Kapitlu 1

## Il-ħsejjes tal-baħar u l-istejjer tal-ġebel

Kienet għodwa mill-isbaħ, u x-xemx ġmielha żżerżqet minn bejn is-sħab biex tisreġ b'qawwitha u tkebbes id-dawl fuq l-għoljiet tal-irdum taż-Żurrieq, li sa ftit ħin qabel, kienu għadhom mudlama. L-arja kienet friska, iġġib magħha r-riħ ħafif minn fuq il-baħar.

Emilja kienet qed iżżomm ir-rota tagħha, b'eċitament liema bħalu.

Ma kinitx waħedha. Biswit tagħha, kien hemm in-Nanna Lina, li kif żgur tiftakru lkoll sew, ma kinitx titlaqha minn taħt għajnejha lil Emilja, għaliex f'kull avventura, kienu qishom id-di u d-do!

"X'ġurnata mlewna ħarġet illum għal dawra ħlejja," qalet in-Nanna Lina bi tbissima profonda u grazzjuża. "Idea tajba li llum nagħmlu l-ħsieb li nerħulha lejn l-inħawi ta' Wied iż-Żurrieq. Hemmhekk il-baħar jitkellem waħdu bi sbuħitu!" enfasizzat b'apprezzament in-Nanna.

Ma ħasbithiex darbtejn u fil-pront Emilja rikbet ir-rota u bdiet taqdef b'kemm kellha saħħa, u ħalliet lin-Nanna Lina tipprova tlaħħaq magħha.

"Bil-mod, Emilja! Ajma kif ħallejtni bla nifs!" ġibditilha l-attenzjoni n-Nanna. "Qatt taħrab u tiġri hekk fit-triq. Importanti li nsuqu r-rota dejjem mal-ġenb, u viċin il-bankina, b'veloċità moderata.

Dejjem inżommu għajnejna fuq it-triq, kemm għas-sigurtà tagħna, kif ukoll għal ħaddieħor!" kompliet twiddibha n-Nanna.



Hekk kif waslu qrib il-wied, il-pajsaġġ infetaħ f'daqqa, u quddiemhom setgħu jaraw veduta ta' għoljiet imħaddra, formazzjoni diversa ta' saffi tal-blat, u l-baħar ta' taħthom jiddi blu qisu ħġieġ ċar u nadif.

"Kemm hawn sabiħ Nann!" lissnet Emilja.

"Dan hu Wied iż-Żurrieq," weġbitha minnufih in-Nanna Lina. Poġġew jistrieħu għal ftit fuq bank, jisimgħu l-mewġ iħabbat qliel mal-blat iebes, f'sinfonija ritmika li ġġiegħlek tħares u tapprezza l-ġmiel tal-madwar.

Issuktaw jaqdfu mal-mogħdija tat-triq, u f'ħesrem in-Nanna ppuntat lejn sfond li jġiblek għajnejk wara widnejk.

"Ara, Emilja! Hemm, qed tara ħafna għerien jirriflettu wkoll il-kuluri fosforexxenti tal-flora u l-fawna ta' taħt l-ilma, filwaqt li għerien oħra juru dell skur ta' blu. Nies minn madwar id-dinja kollha jżuru lil Malta biex jammiraw din l-attrazzjoni tan-natura, imsejħa l-Blue Grotto."

Emilja baqgħet mistagħġba b'dan il-ġmiel tan-natura quddiemha, u dlonk intebħet li fl-aħħar irnexxielha tiġi tara l-Ħnejja l-Kbira taż-Żurrieq, mhux biss kif kienet impenġija fl-istampi u r-ritratti.



It-triq wasslithom issa lejn lokalità oħra fil-qrib, magħrufa bħala l-Qrendi.

Quddiemhom, tempji megalitiċi mill-akbar fil-forma tagħhom.

"Nanna, x'inhuma dawn eżatt?" staqsiet Emilja, b' għajnejha jixegħlu bil-kurżità.

"Dawn, Emilja, huma l-famużi tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra, tempji kbar tal-
ġebel li fihom moħbija stejjer ta' eluf ta' snin, eqdem minn kull knisja jew palazz li nafu bihom. U taf xiex ukoll?

Jgħidu ... li bnewhom fost l-eqdem ċivilizzazzjoni fid-dinja!" tenniet bi kburija n-Nanna Lina.

Emilja ħarset lejn dan il-ġebel kbir, imqiegħed minn idejn il-bniedem żmien twil ilu. F'dak il-mument ħasset li dan il-ħaġar għandu stejjer li jinfirxu lil hinn minn kapitli ta' kull ktieb.

Minn hemm, komplew ir-rotta tagħhom lejn Għar Lapsi. It-triq kienet tgħaddi minn toroq dojoq u għoljiet. Meta waslu, sabu baħar ċar kristall. Tfal jgħumu u jaqbżu bil-ferħ, filwaqt li r-riħa tal-baħar tħalltet ma' dik tal-ikel bnin li kien qed jinħema f'xi djar fil-qrib.

"Hawnhekk in-nies jiġu biex jistrieħu u jgawdu n-natura, u l-baħar huwa s-serħan tal-moħħ għal ħafna," qalet b' konvinzjoni n-Nanna. Emilja tbissmet, u ammettiet li l-ħsieb tan-Nanna Lina kien veritier, għaliex il-baħar kienet tħobbu ħafna tafux! Kien ifakkarha fiż-żmien ta' żgħożitha, f'meta kienet tiltaqa' man-Nannu Vitor, jgħumu u jistadu fil-ħin liberu li kien ikollhom flimkien.



“Nann, kull rokna ta’ Malta għandha l-istorja tagħha, hux vera?” “Hekk hu Emilja,” wieġbet in-Nanna, “u b’dawn ir-rakkonti, inti żżomm l-istejjer ħajjin. Tfal bħalkom iridu jieħdu ħsieb dawn il-ġawhar li għandna, biex jibqgħu jitgawdew mill-ġenerazzjonijiet tal-futur.”

Id-dawra lura ħadet anqas ħin, u għaddew minn toroq miżgħuda bi djar mibnija tradizzjonalment, gallariji pittoreski mżejna bi fjuri ta’ kull għamla u xorta, u ġirien u qraba jitħaddtu fuq l-għatba tal-bibien tagħhom. Emilja ħasset għeja ħelwa taħkimha, imma qalbha kienet mimlija b’ferħ u b’aktar stejjer ġodda.

Hekk kif irritornaw lejn id-dar, Emilja ħarset lejn in-Nanna Lina u qaltilha bi tbissima fuq ħaddejha, “Din kienet l-isbaħ dawra li qatt għamilna!”

In-Nanna Lina għafset idejha u weġbitha, “Emilja, kull ġurnata ġġorr magħha xi ħaġa ġdida x’tiskopri. Illum rajna x’kapaċi tagħmel in-natura matul is-snin u l-bniedem tal-qedem kemm kien abbli li jibni fl-imgħoddi, imma għada hemm bieb ieħor miftuħ għal storja oħra.”

Emilja fehmet, kemm pajjiżna huwa mogħni b’wirt storiku u teżori ta’ kull ġmiel, bi stejjer li jsaħħru mhux biss lilna lkoll, iżda anke lill-barranin li jiġu jgawdu lill-gżejjer sbieħ tagħna.

# Kapitlu 2

## L-Iskola bir-rota

Ħbieb, jekk taħsbu li l-iskola tibda biss meta tidħol fil-klassi, irrid ngħidilkom sigriet ċkejken bejnietna ... il-ġurnata tiegħi fl-iskola bdiet minn qabel, minn meta tlaqt mid-dar filgħodu!

Wasal l-aħħar jum tal-ġimgħa, u bħas-soltu, qomt kmieni ħafna, ħadt il-kolazzjon u bdejt inħejji ruħi għall-iskola. Imma mhux għax kont se nitla' fil-karozza flimkien mal-Papà Ġorġ.

Le, le! Illum kienet ġurnata speċjali għaliex se mmur l-iskola u nżanżan ir-rota l-ġdida tiegħi, u miegħi se tiġi n-Nanna Lina timxi ħdejja.

Kont eċitata daqslikieku kont se mmur il-bandli biex nilgħab u nitbandal! Tlaqt niġri lejn is-salott, fejn in-Nanna kienet diġà mlibbsa bil-ġakketta safra tiddi bħal-lellux. F'idejha kellha faxxa tal-idejn li kienet tixgħel isfar daqs ir-raġġi sbieħ tax-xemx, u minnufih tatha lili. B'ferħ u entużjażmu liema bħalu, ilbist l-elmu tas-sigurtà f'rasi u l-faxxa tal-idejn.

"Lesta, Emilja? Tinsiex tilbes il-faxxa f'idejk qabel ma mmorru għax dik hija importanti ħafna fis-sewqan tar-roti!" stqarret in-Nanna b'dik il-vuċi ħelwa, u b'dak it-ton ġentili tagħha.

"Dażgur, Nann, kemm jien eċitata!" weġibt fil-pront jien u nitla' fuq ir-rota l-ġdida tiegħi. "Imma din il-faxxa għal xiex inhi eżatt, Nann?" staqsejtha bla tlaqliq.

Emilja, dik hija importanti ħafna għaliex il-kulur tagħha jiddi, biex kull min qed juża t-triq, kemm min qed jimxi, kemm min qed isuq il-karozza u anke roti oħra, ikun jista' jarak sewwa, u dan għas-sigurtà ta' kulħadd!" tarrfitli n-Nanna Lina bi tbissima mdaqqsa fuq ħaddejha.

Niftakar lill-għalliema tagħna dejjem tgħid: "Meta ssuq ir-rota



trid toqgħod attent u tħares ʻil quddiem, tagħmel sinjali bʼidejk meta trid iddur, u tkun taf xʼhemm madwarek il-ħin kollu.” U jien hekk għamilt tafux!

“Kont taf Emilja,” qaltli bʼpawża fʼdaqqa waqt li konna għaddejjin biswit il-Ġnien tal-Komunità, “li bʼdan li qed nagħmlu qed ngħinu lilna nfusna, lil ħaddieħor, u lil pajjiż tagħna wkoll?” Ħadt nifs profond ʻil ġewwa, u bejni u bejn ruħi għedt …

“Kemm hi brava n-Nanna Lina, kienet qed tgħid il-verità!” Meta wasalna l-iskola, kienu diġà nġabru ħafna tfal. Xi wħud ġew bil-mixi u oħrajn qabdu r-rota bħali wkoll.

“Emilja! Ġejt bir-rota?” staqsewni. U bi tbissima, weġibt, “Iva, u n-Nanna ġiet miexja miegħi!”

It-triq kienet sabiħa. In-nies li rajna kienu kollha ferħanin u kalmi. Ma kienx hemm ħafna traffiku, u n-Nanna kienet miegħi kull pass tal-vjaġġ. Tkellimna dwar l-importanza li mmorru l-iskola bʼmod nadif, mingħajr karozzi, u kemm hu tajjeb għall-ambjent, għal saħħitna, u anke għall-kuntentizza ġenerali tagħna.

Mal-għalliema tkellimna dwar kif nistgħu nkunu tfal taʼ eżempju, li nieħdu ħsieb l-ambjent u nassiguraw ruħna li mhux dejjem irridu nistrieħu fuq il-karozzi.

Tkellimna dwar kif xi kultant nistgħu mmorru l-iskola bil-mixi, bir-rota, jew maʼ xi membru tal-familja li jkun qed jimxi wkoll.

L-għalliema faħħritna u qaltilna li kull vjaġġ żgħir bʼmod sostenibbli jgħin biex in-naqqsu t-traffiku, il-ħmieġ fl-arja, u jżommna fʼsaħħit-na għaliex inkunu qed nagħmlu l-eżerċizzju.Meta spiċċat l-iskola, ħriġt barra u n-Nanna kienet hemm, tistenna bʼidejha miftuħin, lesta biex tilqagħni fi ħdanha u

tagħtini l-akbar tgħanniqa.

"Għada nerġgħu mmorru dawra mill-ġdid, Nann?" staqsejt bil-ħerqa. "Dażgur li nerġgħu mmorru, Emilja! U din id-darba mmorru sal-bandli bir-rota wkoll," xenglet rasha b'approvazzjoni n-Nanna.

Ħbieb, kif għedtilkom fil-bidu, l-iskola ma tibdiex biss mill-klassi. Tibda mid-dar, bir-rota, bil-mixi. U jekk ikolli lin-Nanna Lina miegħi takkumpanjani fil-vjaġġ, kull triq tinbidel f'avventura sabiħa, ta' tagħlim, u ta' ferħ indimentikabbli!

# Kapitlu 3

## Mixja kkulurita għall-kostum tal-Karnival

Kienet għodwa xemxija ta' Frar, mhux tas-soltu għal dan ix-xahar li, kif jgħid il-qawl, "Frar fawwar jimla l-bjar." Iżda dakinhar ix-xita ma dehritx. Kien hemm biss riħ ħafif, frisk u ġentili, li ġab miegħu nifs tax-xitwa, mhux biżżejjed biex inaffar il-ħsieb li toħroġ u tgawdi ġurnata ħlejja.

U hekk ġara. Emilja stenbħet kmieni, libset b'ħeffa u resqet lejn it-tieqa. It-triq kienet kwieta, u f'qalbha bdiet tgħodd is-sekondi sakemm joħorġu flimkien man-Nanna Lina. Dakinhar iddeċidew li joħorġu bil-mixi biex jixtru l-kostum tal-Karnival.

"Nann, illum se mmorru bil-karozza?"staqsiet Emilja hekk kif daħlet fil-kċina, fejn in-Nanna kienet qed tipprepara tazza te sħuna.

In-Nanna Lina tbissmet u ħarset lejha b'għajnejn mimlijin ferħ. "Le, għażiża tiegħi. Illum se mmorru bil-mixi!"

weġbitha bil-kalma. "Il-kostum hu importanti, imma l-mixja li se nagħmlu flimkien se tagħmel din il-ġurnata speċjali."

"Imma mhux se ndumu?" staqsiet Emilja, ftit inkwetata.

"Forsi ndumu ftit iżjed," weġbitha n-Nanna, "imma se ngawdu kull pass. Meta nimxu nagħmlu ġid lilna nfusna, nieħdu ħsieb l-ambjent għaliex ma nħammġux l-arja meta ma nużawx il-karozza, u nkunu qed inwettqu eżerċizzju fiżiku li hu ta' benefiċċju għal saħħitna. Din tissejjaħ mobbiltà attiva, u hi tajba għalina u għal pajjiżna."

"Qisu meta mmorru bir-rota jew bit-trasport pubbliku, hux?" staqsiet Emilja.

"Meta nużaw dawk il-modi biex nivvjaġġaw inkunu qed inwettqu mobbiltà sostenibbli, għaliex qed ngħinu

lill-ambjent. Imma meta nimxu, insuqu r-rota jew inkella nwettqu eżerċizzju fiżiku biex naslu għal post ieħor, dik tissejjaħ mobbiltà attiva," iċċarat fid-dettall in-Nanna. "Dan għaliex inkunu attivi fl-għażla tagħna ta' vjaġġar!"

Ma damux sakemm bdew it-traġitt tagħhom. Emilja liebsa ġakketta sewda u kappell isfar lellux ċkejken, waqt li n-Nanna kienet qed iżżomm basket tal-qasab. It-toroq kienu mimlijin ilwien, gallariji bil-fjuri, u 'l hawn u 'l hemm stajt tilmaħ ukoll numru żgħir ta' djar li ramaw bandalori tal-Karnival.

"Kemm hawn sabiħ, Nann!" qalet Emilja, tħares madwarha.

"Hekk għandu jkun il-Karnival," weġbitha n-Nanna. "Kuluri, ferħ u tbissim."

Matul it-triq raw tfal oħra mexjin flimkien mal-familji tagħhom, iħarsu lejn il-vetrini mżejna bil-kuluri u l-maskri tal-Karnival, jistennew bil-ħerqa li tasal il-festa. It-toroq kienu kwieti u l-mixja tat lil Emilja u lin-Nanna Lina l-opportunità jitħaddtu bla għaġla, jisimgħu lil xulxin u jgawdu l-mument, mingħajr l-istress tat-traffiku u l-istorbju tal-karozzi.

Meta waslu f'telgħa kemxejn twila, Emilja bdiet tħoss ftit għeja. In-Nanna Lina naqqset il-pass tagħha u mxiet ħdejha, b'attenzjoni u paċenzja.

"Kull pass isaħħek ftit aktar," qaltilha bil-ħlewwa. "Meta nimxu, il-qalb taħdem, il-ġisem jissaħħaħ u l-moħħ jibqa' kalm. Mhux bħalma jiġri meta nkunu mwaħħlin fit-traffiku, nistennew wara l-karozzi u nisimgħu l-istorbju bla waqfien." Ftit wara waqfu jistrieħu fuq bank quddiem ġnien żgħir. Semgħu l-għasafar ikantaw u raw is-siġar jiċċaqalqu bil-mod mar-riħ frisk.


MALTA

napprezzaw affarijiet li bil-karozza, ħafna drabi, ma nosservawx."

Hekk kif waslu fil-ħanut, ġewwa kien hemm kostumi ta' kull xorta, lesti biex jintlibsu meta jasal il-Karnival. Emilja ħarset madwarha u, wara ftit, għażlet kostum ta' esploratriċi żgħira.

"Għażiltu għax illum ukoll ħassejtni fuq avventura!" qalet bi tbissima.

In-Nanna tbissmet lura. "U hekk int, Emilja. Esploratriċi li taf tieħu l-ħin u tagħżel it-triq it-tajba."

Fit-triq lura lejn id-dar, għaddew minn ħdejn dulċier żgħir. Mill-vetrina dehru ħlewwiet tradizzjonali li jfakkru li l-Karnival kien għadu ġej.

Ġewwa, ir-riħa tal-ħelu kienet qed tfewwaħ l-arja. In-Nanna xtrat biċċa prinjolata u borża karamelli mdaqqsin.

Hekk kif qorbu lejn id-dar, Emilja lissnet, "Illum tgħallimt, kif l-aqwa mumenti f'ħajjitna jkunu meta nieħdu l-ħin tagħna, bla għaġla ta' xejn." In-Nanna kompliet magħha minnufih. "U meta nimxu flimkien, insibu aktar ħin għal xulxin!"

U hekk Emilja fehmet li meta nagħżlu li nimxu aktar, ma nibqgħux biss attivi u b'saħħitna, imma nsibu wkoll aktar ħin għal xulxin u napprezzaw dak kollu li hu sabiħ madwarna.

# Kapitlu 4

## Mawra sa Wied il-Qlejgħa

"Qed nisma' sew?" Dan it-telefown qed idoqq! Dlonk qomt mis-sodda, u bħal leħħa ta' berqa tlaqt niġri b'kemm kelli saħħa biex nirrispondi, għaliex kont diġà naf li n-Nanna Lina se ċċempilli. Ġimgħa ta' tagħlim l-iskola taret riħ, u għaldaqstant, hekk kif illum kien is-Sibt, dan seta' jfisser ħaġa waħda biss – avventura ġdida flimkien man-Nanna Lina!

"Emilja, ilbes l-iktar żarbun komdu, għaliex illum se mmorru għal mixja speċjali immens!" tenniet b'entużjażmu n-Nanna.

"Fejn se mmorru, Nann f'din l-għodwa xemxija u sabiħa?" staqsejt, waqt li qed naqbeż bil-ferħ.

"Dan il-post huwa magħruf bħala Chadwick Lakes, u bil-Malti, jissejjaħ Wied il-Qlejgħa. Qalb in-natura u d-diversità ta' flora u fawna tant unika tagħna! U taf x'ħa jiġri wkoll? Missierek Ġorġ ġej magħna!" weġbitni minnufih.

Ċarratt tbissima kbira fuq fommi. Qatt ma kont mort hemm qabel, iżda smajt tant affarijiet sbieħ fuq dan il-post, anke mill-għalliema tal-iskola. Ilma jgelgel b'ritmu ħlejju li jpaxxi l-widna hekk kif tisimgħu nieżel, siġar imdaqqsa u għoljin ilaħħqu sas-sema ikħal nir, għasafar ta' kull lewn jallegraw bit-tisfir u l-kant tagħhom, bħallikieku qed jistidnuk sabiex tgawdi d-dinja tagħhom, u saħansitra wkoll, żrinġijiet żgħar jilagħbu moħba waqt li jistrieħu bejn il-ħaxix. Ma stajtx nistenna aktar!

Tlajna bi ħġarna fil-karozza ta' missieri u rħejnielha għal għonq it-triq. Bdejt naħseb kif se nxarrab saqajja fl-ilma frisk, ngħaddi minn fuq il-pontijiet tal-injam żgħar u niġri ma' missieri u n-nanna fil-mogħdijiet ta' Wied il-Qlejgħa. Iżda hekk kif wasalna ħdejn Wied il-Qlejgħa, rajt li missieri nfixel kemxejn, waqt li deher ftit ħosbien.
"Fejn se nipparkjaw?" gerger b'wiċċu mqarras missieri Ġorġ.

"Se jkollna nimxu ħafna, għax hawn ninsabu ftit 'il bogħod minn Wied il-Qlejgħa!"

"U, Ġorġ!" qaltlu n-Nanna Lina, ixxengel rasha minn naħa għal oħra. "Għandek par saqajn imma ma tridx tużahom?"

Bdejt nidħaq. Ilmaħt lil missieri jieħu nifs qawwi 'l ġewwa, imma fil-pront tbissem. "Tajjeb, tajjeb! Ejja nibdew il-mixja."

Ħriġna mill-karozza, u bdejna nimxu matul il-mogħdija. Ix-xemx tisreġ bil-qawwa tagħha, l-arja friska li tidħol fl-imnifsejn, u s-siġar jixxenglu bil-mod, qishom qed jgħidu xi sigriet lil xulxin. Fniek jiġru minn kantuniera għal oħra, iħarsu lejna għal ftit sekondi, u jaħarbu mill-ewwel!

"Kont taf, Emilja, li dan il-post inbena biex jiġbor l-ilma tax-xita?" qaltli n-Nanna Lina waqt li ppuntat subgħajha lejn nixxiegħa tgelgel fil-viċin. "L-ilma kien jinżamm hawn, u hekk jgħin lill-bdiewa biex isaqqi l-għelieqi u r-raba' tagħhom, fejn jipprovdulna l-ħaxix u l-frott li nieklu aħna."

"Kemm kienu bravi, Nann! Jiġifieri, dan qisu banju kbir tal-ilma għan-natura?" weġibt, b'għajnejja jleqqu.

In-Nanna Lina lissnet tbissima profonda. "Iva, Emilja, simili ħafna! U tabilħaqq, dan il-post huwa d-dar ta' ħafna annimali wkoll, bħall-qanfud, il-gremxula ta' Malta u ż-żring ikkulurit, li huwa l-uniku żrinġ li nsibu f'Malta u Għawdex kollha. Hemm ukoll diversi għasafar bħall-Bufula Sewda, il-Pitiross u z-Zakak Abjad, filwaqt li jekk tħares anke mill-viċin fuq il-petali tal-fjuri, jaf tilmaħ xi nannakola!"

"Aħjar ma nqajmuhomx u nħalluhom jistrieħu!" komplejt ngħid lin-Nanna Lina waqt li qed nimxi fuq ponot subgħajja.



Missieri, li kien qiegħed jisma' wkoll, ħares madwaru. "Tassew post kwiet u sabiħ," ammetta. "Qabel konna ngħaddu bil-karozza, u lanqas napprezzaw il-ġmiel tiegħu."

"Għalhekk hu importanti li nipproteġu postijiet bħal dawn," weġbitu bla tlaqliq in-Nanna Lina. "U nħallu lin-nies igawduh mingħajr ma jkun hawn karozzi. Tagħżel li timxi, jew iddur bir-rota."

Ma domniex biex wasalna fil-post fejn kien hemm ħafna ilma, u stagħġibt. Papri jgħumu bil-kwiet, it-tfal jidħqu waqt li jilagħbu, u l-ilma jleqq fid-dawl tax-xemx. Missieri qagħad bilqiegħda fuq ġebla u medd dirgħajh. "Hawn ħafna aħjar minn meta nkun bil-karozza," qal bi tbissima.

Kemm qbiżt minn ġebla għal oħra, u ngħaddi minn bejn is-siġar tal-ħarrub. "Kemm qed nagħmel memorji sbieħ!" għajjatt bil-ferħ. Qattajna l-bqija tal-jum nesploraw, nieħdu ritratti u anke nieklu ftit tuffieħ li ġibna magħna. Ħassejtni tassew kuntenta li tgħallimt xi ħaġa oħra importanti.

"Nanna, illum tgħallimt li l-mixi mhuwiex biss tajjeb għall-ambjent għax ma nużawx il-karozza, imma huwa wkoll divertenti!" stqarrejt magħha.

"Eżatt, Emilja għażiża tiegħi," tbissmet in-Nanna. "Id-dinja hija mimlija b'ħafna natura u sbuħija ...imma trid toħroġ biex tiskopriha!"

Avventura oħra li ma ninsa qatt, flimkien man-Nanna Lina u l-papa Ġorġ. Kemm se nirrakkontaha lil sħabi meta mmur lura l-iskola. Forsi, narahom darb'oħra meta nerġa' mmur u nilagħbu flimkien, waqt li nħarsu lejn il-pjanti u l-fjuri mlewna u nieħdu ħsieb lill-annimali tal-madwar.



# Kapitlu 5

## Avventura li ma ninsa qatt!

Kien is-Sibt filgħodu, u jien, Emilja, kont mimlija b'eċitament liema bħalu. Ħerqana mmens, kien imiss li nqatta' ġurnata flimkien man-Nanna Lina, u dan il-ħin ma nibdlu ma' xejn! Għalhekk, illum kien il-jum speċjali tiegħi man-Nanna! Inħobb l-avventuri tagħna flimkien. Dejjem insibu postijiet ġodda fejn immorru, u hi tirrakkuntali stejjer sbieħ ta' tfulitha, li jgħallmuni ħafna.

"Emilja, ejja, ħa mmorru!"sejħitli n-Nanna Lina waqt li qabdet il-kappell l-aħmar favorit tagħha. "Illum se mmorru mawra ħelwa sal-lokalità ta' Tas-Sliema, u xejn xejn, inħarsu lejn il-baħar u l-veduta sabiħa tal-Belt Valletta, f'ġurnata sabiħa u xemxija bħal din."

"Nann, allura kif se mmorru hemm? Għaliex għandna ftit bogħod minn hawnhekk," staqsejt jien, waqt li ħarist barra mit-tieqa lejn il-karozza tan-nanna pparkjata barra.

"Illum, ma nużawx il-karozza," qalet in-Nanna Lina, tħares lejja bi tbissima fuq fommha. "Se nużaw mezzi oħra ta' trasport li se jgħin lill-ambjent tagħna. L-ewwel se nirkbu tal-linja minn ħdejn id-dar tagħna stess, u wara nużaw is-servizz b'xejn tal-ferry minn Tas-Sliema għall-Belt!"

"Ferry x'inhi eżatt, Nann? Jiġifieri, bħal dgħajsa?" weġibt fil-pront b'tant kurżità. "Kemm nixtieq nirkeb il-ferry! Tinstema' vera xi ħaġa sabiħa!"

Bdejna l-vjaġġ tagħna, mexjin lejn il-waqfa tal-karozzi tal-linja, ftit passi 'l bogħod mid-dar. Waslet il-karozza li kellha numru fil-ġenb u 'Tas-Sliema' miktuba fuqha, irkibna, u rħejnielha għal għonq it-triq. Malajr sibt post ħdejn it-tieqa u bdejt inħares 'il barra matul il-vjaġġ. Rajt tfal jilagħbu fil-ġonna, nies jimxu bil-kelb tagħhom, u numru żgħir ta' karozzi jistennew wara xulxin. "Kienet deċiżjoni tajba li ma użajniex il-karozza


BUS STOP
SLIEMA

tagħna," ħsibt bejni u bejn ruħi.

"Nanna, għaliex qbadna l-karozza tal-linja llum?" staqsejt għal darb'oħra b'kurżità.

"Ara, Emilja, meta tuża t-trasport pubbliku, tkun qed tgħin biex tnaqqas it-traffiku fit-triq, kif ukoll it-tniġġis fl-arja, għaliex ikun hawn inqas użu ta' karozzi fit-triq. Apparti wkoll, li huwa servizz offrut b'xejn lilna lkoll. Aktar ma jkun hawn nies fuq tal-linja jew anke fuq il-ferry, ikun hawn inqas karozzi fit-toroq, u dan ikun ferm aħjar għal Malta u Għawdex u anke għad-dinja kollha." spjegat in-nanna bil-paċenzja.

"Vera qed ngħinu anke lid-dinja billi nużaw it-trasport pubbliku biss?" staqsejt b'responsabbiltà.

"Eżattament!" tbissmet in-nanna. "Kull azzjoni ċkejkna tista' tħalli impatt kbir!" Meta wasalna Tas-Sliema, rajt il-ferry marbuta mal-moll u n-nies telgħin fuqha mix-xatt. Kienet tidher sabiħa u moderna. Użajna l-istess karta ta' Tallinja personalizzata biex nitilgħu fuqha. Is-servizz kemm ta' Tallinja kif ukoll tal-ferry huma bla ħlas. Ħassejtni xxurtjata – għaliex f'din il-ħarġa ma nfaqqniex flus!

Hekk kif il-ferry bdiet miexja fuq il-baħar ikħal nir u ċar, ħassejt ir-riħ jilgħab ma' xagħri. Bdejt inħares lejn id-dgħajjes għaddejjin minn ħdejna. In-Nanna Lina bdiet turini bini sabiħ tal-Belt. "Ara, Emilja, hemm il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq u l-koppla l-kbira tal-Knisja tal-Karmnu! Kemm għandna bini sabiħ fil-Belt Kapitali tagħna."

"Qed nieħu ħafna gost, Nanna. Kemm għandna biex inkunu kburin b'dawn il-veduti tant sbieħ li għandna," għedtilha b'konvinzjoni. "Għaliex mhux kulħadd jivvjaġġa bħalna?"



"Ħafna drabi, in-nies imdorrijin isuqu l-karozzi tagħhom," qalet in-Nanna. "Imma aktar ma ngħallmu n-nies kemm hu faċli, nadif, u aħjar li tuża t-trasport pubbliku, aktar nies jibdew jagħżlu dan il-mod ta' vjaġġar. Ma nżidux it-traffiku fit-toroq, u m'għandniex għalfejn infittxu fejn nipparkjaw u nħallu l-karozza. U aktar minn hekk, qed ngħinu lill-ambjent. Inqas tniġġis ifisser aktar arja friska u ta' kwalità għal kulħadd!"

Meta wasalna l-Belt, komplejna nimxu fl-inħawi, ħadna ġelat u dorna l-ħwienet fit-toroq tal-Belt. Ħassejtni kburija li l-avventura tagħna għenet biex ma nħammġux l-ambjent tagħna. Ara kieku nagħmluha kuljum u kieku kulħadd jagħmel bħali u n-Nanna Lina!

Il-ġurnata taret bħal leħħa ta' berqa, u wasal il-ħin biex nirritornaw id-dar. Lin-nanna għedtilha li minn issa 'l quddiem, se nibda nuża l-karozza tal-linja u anke l-ferry aktar spiss. U din tkun avventura sabiħa kull darba."

In-Nanna Lina tbissmet u għannqitni magħha. "Diġà qed tagħmel differenza kbira Emilja."

Hekk kif kont fis-sodda dik il-lejla, bdejt naħseb fil-profond fuq il-ġurnata li gawdejna flimkien. Ma kontx biss qed nieħu gost man-nanna. Iżda kont qed ngħin ukoll biex pajjiżi u d-dinja tkun aktar nadifa, aktar sabiħa. U kulma kelli nagħmel kien li nuża t-trasport pubbliku. Immaġina nagħmlu l-istess kollha kemm aħna!

Kull darba li nara karozza tal-linja fit-triq jew ferry fuq il-baħar sirt ngħid, "Ejja nkunu s-soluzzjoni għal futur aħjar u aktar sostenibbli!"

# Kapitlu 6

## Il-Festival Internazzjonali tan-Nar

Emilja kienet bilqiegħda f'ħoġor it-tieqa, tħares lejn il-fjuri mlewna fil-ġnien tan-Nanna Lina waqt li fl-isfond, tisma' l-għasafar jgħannu. In-Nanna Lina ħallietha kemxejn bil-kurżità għaliex kienet taf li meta n-Nanna tgħidilha li għandha 'pjan', dejjem tkun idea ġenjali!

Fil-pront, hekk kif in-Nanna daħlet bil-fardal tagħha mimli petali tal-fjuri, lissnet minn taħt l-ilsien dak li ridt nisma' jien!

"Illum se mmorru avventura speċjali oħra. Mhux biss ħa naraw spettaklu sabiħ u uniku, imma se nivvjaġġaw bit-trasport pubbliku u nkomplu ngħinu lill-ambjent tagħna!"

Bi tbissima ħlejja fuq fommi, u b'ħaddejn jixegħlu ħomor peprin, minnufih staqsejt, "X'tip ta' spettaklu, Nanna?" Weġbitni mill-ewwel. "Se mmorru l-Belt Valletta biex naraw il-Festival Internazzjonali tan-Nar! U l-aħjar ħaġa taf x'inhi? Se mmorru bit-trasport pubbliku b'xejn grazzi għas-servizz ta' Tallinja!"

Waqt li mexjin lejn il-waqfa, in-Nanna Lina spjegat kemm hu importanti li tuża t-trasport pubbliku. "Kont taf Emilja, li Tallinja żiedet aktar minn 400 vjaġġ ġdid kuljum, b'rotot ġodda u oħra aġġornati biex jagħmlu l-vjaġġi aktar effiċjenti. Issa nistgħu nivvjaġġaw aktar malajr u b'aktar għażliet, anke lejn żoni rurali jew dawk l-aktar imbiegħda," kompliet tgħidilha.

Hekk kif tlajna fuq il-karozza tal-linja, flimkien man-Nanna Lina, sibna post ħelu ħdejn it-tieqa. Kienet ġurnata xemxija sabiħa, u kienet tinħass arja friska li tagħtik ix-xewqa li żżomm għajnejk miftuħin il-ħin kollu. In-Nanna ħarġet il-mowbajl tagħha u fetħet l-app ta' Tallinja ... u tafu x'rajt?

Turi eżatt fejn waslet fil-post il-karozza tal-linja, kemm fadlilha biex tasal, u anke rotot oħra li setgħu jwassluna fl-istess



lokalità. "Din verament utli, Nann!" għedtilha b'konvinzjoni waqt li hi tbissmet.

Jien, bħas-soltu, poġġejt ħdejn it-tieqa, b'ħarsti 'l barra napprezza l-madwar.

Kemm għandna pajjiż sabiħ!

Rajt il-baħar jiddi fid-dawl tax-xemx u dgħajjes u vapuri ta' kull daqs jgħumu bil-mod. "Kemm hu sabiħ tivvjaġġa hekk," stqarrejt b'għajnejja jixegħlu.



jtir, jistenna din il-wirja tan-nar. F'daqqa waħda ...BOOM!

Dawl blu, aħmar, aħdar ... qishom l-istess fjuri tal-ġnien tan-Nanna, fis-sema jinfetħu f'xita ta' kuluri mħallta flimkien! Ħassejtni qed noħlom! "Maġija mill-isbaħ, kemm huma bravi!" għajjatt minn qalbi b'leħen sod.

In-Nanna Lina spjegat kif dan l-avveniment hu parti minn tradizzjoni importanti li jmur lil hinn fiż-żminijiet, li jfakkar ix-xogħol u t-talent ta' ħafna nies, speċjalment dawk li jaħdmu f'dan il-qasam tant delikat u artistiku. "Dawn il-pirotekniċi jagħmlu xogħol ta' preċiżjoni kbira u passjoni Emilja, u frott ta' din id-dedikazzjoni qed narawh quddiem għajnejna u fuq kollox napprezzawh," qalet in-Nanna Lina b'ħarsa kbira ta' rispett.

Mar-ritorn lejn id-dar, bdejt nirrifletti. "Tgħallimt immensament illum. Mhux biss rajt spettaklu sabiħ, imma wkoll issa naf, li nista' nivvjaġġa b'mod aktar intelliġenti u b'mezz li jħares lill-ambjent."

In-Nanna Lina tbissmet u għamlet sinjal ta' approvazzjoni. "Meta nagħżlu l-mobbiltà sostenibbli, inkunu qed nagħmlu differenza żgħira li twassal għal bidla ħafna akbar u ta' valur. U bħal-lum, inkunu wkoll qed nieħdu gost!"

U tafu x'tgħallimt minn din l-avventura? Li l-karozza tal-linja mhux biss tagħmilha aktar faċli biex naslu fejn irridu, iżda tgħinna nieħdu ħsieb l-ambjent tagħna wkoll. Barra minn hekk, nistgħu ngawdu l-ġmiel tal-pajjiż tant sabiħ tagħna. Issa, kull darba li nara karozza tal-linja tgħaddi, niftakar f'dik il-lejla tal-Festival tan-Nar u nifraħ li għażilt nivvjaġġa b'mod intelliġenti. U forsi, il-vjaġġ li jmiss, nagħmluh flimkien!



# Kapitlu 7

## Mawra sal-Mużew tal-Avjazzjoni

Kien lejl ta' nhar ta' Ħamis, u Emilja ma setgħetx tistenna li titkellem man-Nanna fuq il-mawra l-ġdida li kien imissha l-għada filgħodu.

Kienet se tmur flimkien ma' sħabha tal-klassi tagħha, sal-Mużew tal-Avjazzjoni f'Ta' Qali. Hemmhekk kien se jkun hemm Festival bl-isem Start Up, fejn tfal oħra minn diversi skejjel madwar Malta u Għawdex, kienu se jżuru dan il-Mużew tant sabiħ u storiku f' pajjiżna biex jaqsmu flimkien ideat differenti u ta' kull xorta, rigward il-futur tat-trasport.

"Nanna, għada se mmur festival!" qalet Emilja ferħana se ttir.
In-Nanna Lina tbissmet u dlonk saqsietha minnufih, "Ara xi ħlew! U x'se taraw hemmhekk?"

"Se naraw ħafna ideat differenti minn ħafna tfal bħali ... u naħseb se niddiskutu flimkien dawn il-ħsibijiet! L-għalliema qaltilna, li importanti ħafna li nsemmgħu leħinna u nwasslu dak li naħsbu fuq kif nistgħu nużaw trasport aħjar, komdu u aktar sostenibbli f'Malta u Għawdex, jekk hux bir-roti, bil-karozzi tal-linja, u ħafna ideat oħra, kif nagħmlu jiena u int, Nann!"

In-Nanna Lina poġġiet bilqiegħda ħdejn Emilja mal-mejda. "Verament interessanti, Emilja! Tajjeb, li meta tkun hemm tisma' l-ideat u anke titkellem ma' kulħadd. U jekk ma tifhimx xi ħaġa, staqsi dejjem. Il-mistoqsija oħt il-għerf! Hekk nitgħallmu kuljum."
"Iva, Nann," wieġbet fil-pront b'entużjażmu Emilja.

L-għada filgħodu wasal ukoll, u filwaqt li l-vann tal-iskola għamel it-traġitt tiegħu lejn il-Mużew tal-Avjazzjoni, Emilja flimkien ma' sħabha tal-klassi ma waqfux jiddiskutu u jitkellmu fuq l-ideat tagħhom, li tabilħaqq kienu tajbin u interessanti. U fuq kollox, kien ħa jkun hemm ħafna aktar ma' min nistgħu niddiskutu.

Malli waslu u daħlu ġewwa, indunaw li kien hemm gruppi ta' tfal imferrxin ma' sezzjonijiet differenti, mejda twila u bord abjad fejn

tista' tikteb fuqu.

L-ewwel waqfa kienet biswit tliet tfajliet. Waħda minnhom qalet: "Aħna għamilna u pinġejna app għar-roti. Din l-app tista' turi liema toroq huma siguri biex tista' ssuq ir-rota fihom."

"X'idea dik! Prosit ħafna!" faħħrithom Emilja filwaqt li saqsiethom kif se taħdem eżatt.

"Minħabba li aħna pajjiż żgħir, u ftit limitati fiċ-ċokon tagħna, xi drabi s-sewqan tal-karozzi ħdejk jaf ifixkel xi ftit lill-qaddiefa tar-roti," wieġbet it-tifla. "Kemm ikun sabiħ li kulħadd ikollu fejn isuq ir-rota f'post sigur u komdu!"

Emilja qablet u xenglet rasha b'approvazzjoni. Kienet tħossu dan is-sentiment, għaliex anke hi kemm-il darba marret flimkien man-Nanna Lina jsuqu r-roti minn post għal ieħor.

Kien imiss li jimxu lejn grupp ieħor. Hemm kien hemm żewġ subien qed juru ritratti ta' karozzi tal-linja ġodda. "Dawn il-karozzi huma elettriċi," qal wieħed. "Ma joħorġux dak id-duħħan iswed, u jaħdmu b'enerġija nadifa. Dan tajjeb għalina, għall-ambjent u għall-kwalità ta' arja li nieħdu lkoll."

"U taf li l-ferries llum huma b'xejn?" żied l-ieħor. "Jekk għandek Tallinja Card, tista' tivvjaġġa fejn trid u b'xejn. Hekk, in-nies jużaw inqas il-karozzi tagħhom."

Emilja reġgħet ftakret fil-ħarġa li għamlet man-Nanna Lina meta qasmu sal-Belt bil-ferry. "Tajjeb li nħajjar aktar lil missieri sabiex minflok nużaw il-karozza biex immorru minn post għall-ieħor, nibdew nagħmlu użu aktar tas-servizz tal-ferry b'xejn u ngawdu s-sbuħija tal-baħar u tal-madwar.

Wara ftit, il-klassi mxiet ħdejn stand kbira fid-daqs fejn Emilja lemħet il-kliem: 'Ninkoraġġixxu liż-żgħażagħ, nispiraw ideat,



u mmexxu 'l quddiem il-futur tat-trasport f'pajjiżna.' "Dawn huwa kliem li verament għandna nixtarruh u nwassluh lill-ġenituri u lill-ħbieb tagħna!" qalet bejnha u bejn ruħha.

Persuna minn hemm qalet, "Illum qed naraw ideat mill-isbaħ. Intom qed taħsbu kif pajjiżna jista' jkun aħjar. U dan huwa biss il-bidu!

Fi gruppi oħra kien hemm ideat dwar postijiet fejn tista' tikri rota faċilment. U f'ieħor kien hemm grupp qed jipproponi żoni fejn ma jistgħux jidħlu karozzi, biex it-tfal jilagħbu mingħajr periklu f'sens ta' komunità.

Kull idea kienet sempliċi, imma kienu interessanti.

Meta Emilja daħlet id-dar, in-Nanna Lina kienet hemm tistennieha. "Kemm kien sabiħ, Nann, tafx!" qalet Emilja hekk kif poġġiet ħdejha lesta biex tirrakkonta dak li ġara. "Rajt tfal b'ħafna ideat kbar. Kien hemm min għamel app, min ħaseb dwar il-karozzi elettriċi, u min fassal pjan ta' dettall ta' x'jixtieq jara fil-futur."

"U x'ħassejt int?" staqsiet in-Nanna.

"Ħassejt li jiena wkoll nista' nagħmel xi ħaġa. Nista' nuża aktar ir-rota tiegħi. Nista' nitkellem ma' missieri biex nuża l-ferry. U nista' naqbad aktar tal-linja wkoll!"

In-Nanna Lina tbissmet u filwaqt li għannqitha magħha fi ħdanha, qalet lil Emilja, "Hekk hu. Affarijiet żgħar jagħmlu differenza kbira."

# Kapitlu 8

## Fairyland fil-Belt – Milied ta' Dawl u Ferħ

Kienet ġurnata kemxejn friska, ta' sirda kiesħa sinonima max-xahar xitwi ta' Diċembru, iżda bi ftit dawl tax-xemx ħafif jixgħel it-toroq, u l-arja mimlija b'dak is-sens speċjali u uniku li tħoss f'dan iż-żmien tal-Milied. Emilja kienet liebsa ġakketta ħamra u xalla mdawra sew madwar għonqha, lesta għal avventura oħra.

Dakinhar kienet se tmur il-Belt Valletta flimkien man-Nanna Lina, biex iżuru l-Villaġġ tal-Milied ta' Fairyland, post maġiku u ta' divertiment għal kulħadd.

"Illum se mmorru l-Belt bit-trasport pubbliku," qaltilha n-Nanna hekk kif ħarġu mid-dar.

"Bil-karozza tal-linja?" staqsiet Emilja b'entużjażmu.

"Iva," weġbitha n-Nanna, "u b'xejn ukoll. Hekk ma ninkwetawx dwar il-parkeġġ u nidħlu l-Belt aktar malajr."

Meta waslu fil-waqfa tal-karozza tal-linja, Emilja ndunat li kien hemm ħafna nies oħra jistennew: familji bit-tfal, koppji, u anke anzjani. Kulħadd kien jidher kalm u ferħan, qisu l-vjaġġ innifsu kien diġà parti mill-esperjenza tal-Milied.

Malli telgħu fuq Tallinja, Emilja bdiet tisma' n-nies jitkellmu bejniethom, mitlufin fil-konverżazzjoni tagħhom stess.

"X'ġid jagħmel li nużaw it-trasport pubbliku," qal raġel lil martu. "Frankajna l-flus tal-parkeġġ u se naslu malajr."

"U ma qgħadniex induru nfittxu fejn inħallu l-karozza," wieġbet hi, bi tbissima pronta.

Emilja ħarset lejn in-Nanna Lina u tbissmet ukoll. Dak li kienet semgħet mingħandha fil-bosta mawriet li għamlet flimkien

man-Nanna, issa kienet qed tarah iseħħ quddiem għajnejha u tisimgħu verament b'widnejha.

Meta niżlu fil-Belt Valletta, il-pajsaġġ quddiemhom kien tassew maġiku. It-toroq kienu mżejna b'dawl imlewwen ta' kull xorta, gallariji mgħottija b'tiżjin feliċi tal-Milied, u mużika ferriħija kienet tinstema' minn kullimkien. Il-Belt kienet tiddi, mimlija ħajja u ferħ.

"Hawn qisu dinja maġika tassew!" qalet Emilja, b'għajnejha jleqqu. Il-Villaġġ tal-Milied kien mimli b'ħafna sezzjonijiet u esebizzjonijiet sbieħ u kkuluriti, b'riħa tħajrek ta' ikel bnin. Iċ-ċikkulata sħuna, il-kejkijiet tal-Milied u l-qastan mixwi kienu jimlew l-arja bi fwieħa li ġġiegħlek tieqaf u tgawdi l-mument. Tfal jiġru minn attrazzjoni għall-oħra, filwaqt li l-ġenituri jieħdu ritratti u jidħqu magħhom.

Emilja rikbet diversi attrazzjonijiet: il-karużell li jdur bil-mod, rikbiet bid-dwal jixegħlu, u rota kbira li minn fuqha setgħet tara l-Belt kollha mdawla. Minn hemm fuq, rat il-baħar jiddi fil-bogħod u n-nies jimxu bil-mod, igawdu s-sbuħija tal-Milied. X'gost u armonija hawn!

"Kemm hi sabiħa l-Belt Valletta f'dan iż-żmien," qalet in-Nanna Lina b'leħen mimli ammirazzjoni. "Il-Milied joħroġ is-sbuħija tagħha aktar."

Waqfu ftit jistrieħu fuq bank, jaraw il-familji jgħaddu minn quddiemhom, tfal b'wiċċhom jixgħel bil-ferħ, u nies ta' kull età jaqsmu mumenti ta' hena flimkien.

"Nann," qalet Emilja, "illum fhimt kemm hu importanti kif naslu f'post, mhux biss fejn immorru. Il-karozza tal-linja ġabitna hawn bla stress, u kulħadd deher kuntent jużaha."

In-Nanna Lina għafset idejha u tbissmet. "Meta nagħmlu għażliet tajbin, nagħmlu ġid lilna nfusna u lil ta' madwarna."

Meta wasal il-ħin li jirritornaw lura d-dar, Emilja kienet għajjiena, imma qalbha kienet mimlija ferħ. Malli telgħu mill-ġdid fuq Tallinja, ħarset lejn id-dwal tal-Belt jitbiegħdu bil-mod.

Din kienet avventura oħra li se tibqa' f'qalbha, Milied fil-Belt Valletta mimli kuluri, dawl u ferħ ... kapitlu ieħor sabiħ fl-avventuri ta' Emilja.





# ĦAJR

**KONTRIBUZZJONI** JEANNETTE AXISA
**DISINN** JUSTINE BORG CHRIS SPITERI
**QARI TAL-PROVI** PROOFREADING MALTA

tm

**transport**.gov.mt